MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1364/1991/1

**Andrew Camilleri u Piu Camilleri bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Planor Limited;**
**U b'nota tat-3 ta' Frar 1999, Emanuel Farrugia bhala likwidatur ta' Planor Limited assuma l-atti tal-kawza, ghan-nom ta' l-istess socjeta`**

**Vs**

**Daniel Edwin Sayles;**
**U b'digriet tal-Qorti ta' l-10 ta' Gunju 1992 l-Av. Dr. Louis Cassar Pullicino assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju ghan-nom u in rapprezentanza tal-konvenut l-assenti Daniel Edwin Sayles**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut huwa debitur ta’ l-atturi *nomine* fis-somma ta’ hames mija u sebgha u erbghin lira Maltija, tnejn u tletin centezmu u tlett millezmi (Lm547.32,3) dovuta kwantu ghal Lm471.83,3 bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ *bathroom fittings* u *accessories* lilu mibjugha u kkonsenjati, u kwantu ghal Lm75.49 imghaxijiet li ddekorrew mid-data tal-konsenja sa llum;

U premess illi l-konvenut debitament interpellat biex ihallas l-istess ammont baqa’ inadempjenti, u dana minkejja l-fatt li ghall-bidu kien wieghed li ser jeffettwa l-pagament ta’ l-ammont dovut izda wara iffabrika diversi ilmenti biex ma jhallasx;

Talbu ghalhekk l-atturi *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi *nomine* is-somma ta’ hames mija u sebgha u erbghin lira Maltija, tnejn tletin centezmu u tlett millezmi (Lm547.32,3) dovuta bhala bilanc ta’ prezz ta’ *bathroom fittings* u *accessories*, u interessi kif fuq spjegat;

Bl-interessi u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali u tal-Mandat ta’ Impediment tas-Safar kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino li b’nota prezentata kontestwalment assuma l-atti bhala mandatarju ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-assenti Daniel Edwin Sayles:-

Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari t-talba attrici trid tigi enumerata ai termini ta’ l-Artikolu 156 (1) (b) u ghalhekk l-att tac-citazzjoni jrid jigi korrett f’dan is-sens;

Illi subordinatament u fil-mertu l-oggetti u l-accessorji mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut *nomine* irrizultaw li kienu difettuzi u mhux tal-kwalita pattwita u ghalhekk huwa l-kaz li dina l-Qorti tirriduci l-prezz dovut okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi a tenur ta’ l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tad-9 ta’ Novembru 1992 li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku AIC Rene` Buttigieg biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz; kif ukoll dak tas-26 ta’ April 1993 li bih issostitwit ghall-imsemmi AIC Rene` Buttigieg lill-AIC Frederick Doublet bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat in-noti pprezentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Huwa fl-ordni logiku illi l-ewwel punt li l-Qorti jenhtiegilha tinvesti jikkoncerna l-punt procedurali sollevat mill-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu. Dan anke ghaliex ma jirrizultax illi l-atturi *nomine* talbu d-debita korrezzjoni kif il-konvenut invitahom jaghmlu;

Fil-verita` l-konvenut ma qajjimx in-nullita` ta' l-att tac-citazzjoni in raguni ghall-fatt li t-talba attrici ma kienetx enumerata. Izda anke kieku dan kien hekk il-kaz, attiz ukoll il-fatt illi l-korrezzjoni ma ntalbetx, dan ma kienx iwassal ghall-ebda nullita`. Effettivament ghandu jigi

rilevat illi mhux l-inosservanzi kollha voluti jew imposti mil-ligi ghall-awtenticita` ta' l-att tac-citazzjoni jikkostitwixxu nullita` ta' l-att promotur tal-gudizzju. A propositu fuq il-punt ta' l-enumerar tat-talbiet ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' April 1981 fil-kawza fl-ismijiet "**Philip Mallia -vs- Saviour Cachia**" fejn fiha proprju gie dikjarat illi innosservanza konsimili ma ggibx l-invalidita` ta' l-att;

Dan premess, fil-meritu l-konvenut jiddefendi ruhu bl-eccezzjoni illi l-oggetti u accessorji formanti parti mill-kompravendita kienu difettuzi u mhux tal-kwalita` pattwita. Huwa ghalhekk jissottometti illi l-prezz reklamat ghandu jigi ridott biex jittiehed qies ta' dan il-fatt;

Huwa indiskutibbli, anke ghaliex ormai hu daqstant iehor pacifiku, illi d-dritt rizervat mil-ligi lill-kompratur bl-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili jista' jigi ezercitat "*per via di eccezione*". Tali huma d-decizjonijiet kif manifest f'dawn l-ezemplari: "**William Portelli *nomine* -vs- Paul M Laferla**", Appell Kummercjali, 8 ta' Mejju 1939 u "**Emanuel Borg -vs- John Xuereb**", Appell Civili, 25 ta' Jannar 1989; u "**Nazzareno Cauchi *nomine* -vs- Joseph Baldacchino *nomine***", Appell, 7 ta' Ottubru 1997;

Issa l-Artikolu 1390 citat mill-konvenut jipprovdi illi "jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita` miftehma, <u>jew</u> ma tkunx bhal kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel <u>jew</u> li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, <u>jew</u> li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti";

Huwa desumibbli minn dan il-provvediment illi r-rimedju akkordat mil-ligi lill-konvenut-xerrej kien wiehed duplici. Jew li jirrexindi l-ftehim minhabba inadempjenza ta' l-atturi-vendituri u jitlob id-danni, <u>jew</u> li jzomm l-oggetti lilu konsenjati imma jesigi riduzzjoni fil-prezz. F'din it-tieni ipotesi l-ftehim jibqa' jissussisti pero` l-kompratur ikollu dritt jigi kompensat minhabba inadempjenza kontrattwali tal-venditur;

Fil-kaz prezenti l-konvenut opta ghal din it-tieni eventwalita` mil-ligi akkordata. Din tidher li kienet ghazla ghaqlija anke ghaliex jinsab ferm dibattut kemm jista' x-xerrej jitlob b'success ir-rizoluzzjoni tal-bejgh wara li jkun gja rceva l-oggett vendut. A propositu taghmel qari nteressanti ferm fuq il-materja s-sentenza tal-Onor. Maurice Caruana Curran tal-10 ta' Gunju 1965 fil-kawza fl-ismijiet "**Emmanuela Calleja -vs- Joseph Grech**";

Il-kaz in ezami jitratta minn bejgh ta' accessorji u *fittings* ghal kamra tal-banju li l-konvenut xtara minghand is-socjeta` attrici. Fit-trattazzjoni tal-kawza nsorgiet il-kwestjoni jekk, oltre l-vendita, is-socjeta` attrici kienetx responsabbli wkoll ghad-difetti konnessi mal-lavorazzjoni tat-tqeghid ta' l-oggetti mixtrija jew jekk dan ix-xoghol kienx jaqa' fil-mansjonijiet u l-appalt affidat lis-socjeta` konsorella tas-socjeta` attrici, cjoe s-socjeta` Ideal Construction Limited;

Fuq domanda tal-Qorti l-konvenut jitlaq mill-premessa illi "*Planor had to supply goods and the work carried out by Ideal Construction*" (fol. 64). Effettivament hu jirreferi ghal zewg kuntratti separati maz-zewg socjetajiet imsemmija. Aktar 'il quddiem pero` fl-istess kontro-ezami l-istess konvenut jaghti wiehed x'jifhem illi s-socjeta` attrici kienet ukoll ko-involta fil-process tat-tqeghid ta' l-accessorji mixtrija minghandha;

Hi x’inhi, il-kwestjoni centrali tibqa' dik korrelatata mal-kwalita` tal-merce venduta u mhux mal-kwalita` tax-xoghol. Dan f'certu sens hu rikonoxxut mill-istess konvenut tant li n-Nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu (fol. 123) hi limitata ghal kostatazzjonijiet li whud mill-oggetti konsenjati - *water heaters*, viti ta' l-ilma u *towel rack* - ma kienux konformi ghall-ordni pjazzata minnu. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk il-materja taht konsiderazzjoni ghandha tkun limitata ghal dan il-punt ta' l-inadempjenza allegata;

Ma jezisti l-ebda kuntrast bejn il-kontendenti dwar il-fatt tal-konsenja ta' l-oggetti. Dan jikkonfermah id-*delivery note*, Dok. PC1 a fol. 102.

Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet tikkoncerna l-interpretazzjoni li huma jaghtu dwar il-fatt ta' l-accettazzjoni ta' l-istess oggetti. Hekk mentri l-atturi *nomine* (fol. 117) jargomentaw il-punt illi gjaladarba dawn l-oggetti gew accettati mill-mandatarju jew rapprezentant tal-konvenut din hi prova bizzejjed li l-istess oggetti kienu tal-kwalita` miftehma, min naha tieghu l-konvenut jikkontendi illi d-*delivery note* taghmel prova biss tal-konsenja ta' l-oggetti u xejn aktar (fol. 123). Il-konvenut infatti jishaq illi r-rapprezentant tieghu Dave Smith "*was only authorised to receive goods. He had no authority to determine whether it was right or wrong.*" (Ara, Affidavit a fol. 97);

Josserva l-giurekonsult **C. Massimo Bianca** fl-opra omonima tieghu "La Vendita e la Permuta", Ed. 1972, pagna 286, illi "*l'accettazione rientra nell'ambito di quella cooperazione esterna che puo` essere compiuta da qualsiasi legittimato a ricevere la prestazione*";

Jissokta imbaghad jelabora u jippreciza f'pagna 289 illi "*attraverso l'accettazione della individuazione il compratore puo` tuttavia accettare un risultato non conforme a quello programmato: l'atto del compratore assume allora un significato che supera quello di una mera acquisizione della prestazione. Se i beni sono viziati ovvero privi delle qualita` essenziali o promesse, l'accettazione consapevole dell' acquirente deve considerarsi - secondo il comune intendimento - come acquiescenza alla prestazione inesatta. In tal caso non spetta piu` all'alienatario il ricorso ai rimedi contro l'inadempimento. L'acquiescenza alla prestazione inesatta significa in fatti obbiettivamente che il compratore ha accettato tale prestazione a soddisfacemento del suo interesse, e questo significato non e` compatibile con il persistere della possibilita` di contestare successivamente l'adempimento per le stesse inesattezze del bene previamente tollerate.*"

Anke jekk konsiderata taht aspetti ohra wkoll, b'applikazzjoni ta' l-insenjament tal-**Vidari** ("Corso di Diritto Commerciale", Vol. III, p 467 - 468) riferenzjat fis-

sentenza a **Vol. XXIX P I p 1447**, jidher li l-Qorti ta' l-Appell segwiet l-istess perkors ta' hsieb fid-decizjoni "**L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino *nomine* -vs- Pauline Buhagiar *nomine***", 28 ta' April 2000;

Naturalment il-konvenut jafferma illi huwa ma kienx konsapevoli ta' dak li gie konsenjat lir-rapprezentant tieghu fil-mument tal-konsenja. Dan fuq l-assunt illi dan ir-rapprezentant kellu biss l-inkarigu limitat li jircievi l-oggetti. Dwar dan ghandna l-kelma tieghu biss in kwantu l-istess rapprezentant tieghu ma giex minnu prodott biex jikkorobora din il-versjoni bix-xhieda tieghu. Jibqa' l-fatt inkonfutabbli illi l-oggetti gew accettati u sahansitra utilizzati ghall-iskop mahsub;

Anke pero` kieku l-lanjanzi tal-konvenut kellhom jircievu attenzjoni debita ma jidherx li dawn jistghu jitqiesu gustifikabbli. Dan anke ghaliex ma jistghux ragjonevolment jigu meqjusa bhala xi kwalita' intrinsika ta' l-oggett komprat. Kif ghal darba ohra rilevat mill-awtur precitat **Bianca** (*op. cit. pagna 799*), "*la mancanza delle qualita promessa non presuppone necessariamente un' imperfezione della cosa. Mancando gli attributi premessi, infatti, la cosa e` difforme da quella prevista ma questo giudizio prescinde chiaramente da quello di normale integrita` e adeguatezza del bene in relazione alla sua funzione tipica. S'intende, ad esempio, come una colarazione diversa da quella prevista del contratto non involga generalmente un difetto del bene o la inidoneita` all'uso riconosciutogli nell' ambiente economico-sociale.*"

Fil-kaz in ezami minn dak riskontrat mill-atti ma jidherx li gie sufficcjentement provat illi n-nuqqas tal-kwalita` f'dawk l-oggetti specifikati mill-konvenut kienet sostanzjali jew essenzjali, kif hekk jidher li hu akkolt mill-gurisprudenza bhala kwalifika ta' l-oggett vendut. (Ara **Kollazz Vol. XXXI P I p 678**);

Maghdud ma' dan hemm, imbaghad, ukoll l-osservazzjoni li ma jidherx li giet kultivata sufficjentement mill-kontendenti illi kif ammess mill-konvenut, *sua sponte* qabad u rrimpjazza l-oggetti (*towel rail*) minghajr ma

pprovda l-opportunita` li ssir d-debita accertazzjoni dwar l-ilment tieghu;

In bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha suesposti din il-Qorti ma ssibx raguni biex taccetta d-difiza oppozitorja ghall-intier tas-somma reklamata mill-attur. Dan limitatament pero` fis-somma ta' erba' mija wiehed u sebghin lira Maltija, tlieta u tmenin centezmu (Lm47l.83,0) billi hu dan l-ammont li jirrapprezenta l-bilanc tal-prezz ta' l-oggetti.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, takkolji d-domanda attrici billi tordna lill-konvenut ihallas lill-atturi *nomine* s-somma ta' erba' mija wiehed u sebghin lira Maltija, tlieta u tmenin centezmu (Lm471.83,0) bl-interessi mis-27 ta' Gunju 1988, data tal-konsenja ta' l-oggetti venduti.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------